**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, għaxra (10) ta' Diċembru 2024

Kawża Nru 518/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Josef Gauci)***

Vs

**Jonathan Bajada**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jonathan Bajada**, iben Peter Paul u Angela nee' Portelli, imwieled Rabat, Għawdex nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta'

Marzu 1990 u residenti 6, Angel, Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12790(G) talli nhar it-tletin (30) ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-erbgħa u kwart ta' wara nofsinhar (16:15hrs), ġewwa l-Gozo Stadium, fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex:

(1) offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew post espost għall-pubbliku;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-portijiet, fi xtut il-baħar jew f'lok ieħor pubbliku neża għarwien jew ma kienx liebes xieraq;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kien dieħel fi ground tal-isports, filwaqt li kien qiegħed hemmhekk jew kien ħiereġ minn hemm, ġab ruħu b'mod li jista' jinkiser il-bon ordni;[4]

[1] Artikolu 209 tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 338(q) tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9.
[4] Regolament 6(1) tal-L.S.10.33.

(5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kien dieħel fi ground tal-isports, filwaqt li kien qiegħed jew kien ħiereġ minn hemm, uża kliem offensiv jew ġab ruħu abbużivament;[5]

(6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;[6]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprojbixxi lil Jonathan Bajada milli jattendi f'xi ground tal-isports għal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq ai termini tar-Regolament numru 9(2) tal-Liġi Sussidjarja 10.33 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

[5] Regolament 7 tal-L.S.10.33.
[6] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat huwiex ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-erbgħa u kwart ta' wara nofsinhar (16:15hrs) il-Pulizija kienu qegħdin fil-Gozo Stadium fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex peress li kienet għaddejja logħba football bejn it-tim tan-Nadur u t-tim tal-Qala. F'ħin minnhom il-Pulizija innutaw lill-akkużat li kien liebes il-gear tal-Qala u qalziet jikxef il-warrani tiegħu fid-direzzjoni tal-partitarji tan-Nadur. Dan filwaqt li ż-żewġ naħat tal-ground kienu mimlija bin-nies (inkluż tfal minuri) li kienu qegħdin isegwu l-logħba. Bajada ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu minħabba l-aġir tiegħu.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 209, 338(q), 338(bb) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll ir-regolamenti 6(1), 7 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.</u>**

Għar-rigward l-ewwel (1) akkuża, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, il-Qorti **<u>qiegħda tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.</u>**

A tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jinftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati illum.

Għar-rigward l-akkużi l-oħra kollha il-Qorti qiegħda tikkundannah għal multa komplessiva ta' mitt ewro (€ 100).

Finalment il-Qorti qed tipprojbixxi lill-ħati milli jattendi f' xi ground tal-isports inkluż ukoll il-ground ta' Kerċem b'effett immedjat u dan sad-data tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2025.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur